Din il-ġimgħa saret laqgħa tal-Kumitat Festi Esterni, li fiha evalwajna l-andament tal-festa li għaddiet bi tħejjija għal dik li ġejja. Bħalma tafu l-festa hi organizzata minn ħafna għaqdiet mir-raħal tagħna li jinvolvu ħafna nies voluntiera li b'tant impenn u ħeġġa jiddedikaw ħafna mill-ħin tagħhom biex jippreparaw għall-festa bl-aħjar mod li jistgħu.

Waħda mill-problemi li naffrontaw hi l-istat tal-konservazzjoni tal-armar tat-toroq, u qed nara li l-għaqdiet kollha qed jaħdmu flimkien biex jgħinu lil xulxin mhux biss biex joħorġu u jiġbru l-armar mill-imħażen rispettivi tagħhom imma wkoll sabiex jaqsmu bejniethom l-ispazji limitati li għandhom. Veru li l-ispazji mhumiex ftit imma veru wkoll li wħud minnhom għandhom bżonn ta' intervent serju. Dwar dan il-bżonn kien inbeda proġett 8 snin ilu sabiex jiġi mibni mill-ġdid il-maħżen ta' Triq Ta' Said b'mod li jilqa' fih anki l-Għaqda ta' Triq San Ġwann li m'għandhiex l-ispazji meħtieġa u li preżentament qed iservi biss għall-għaqdiet tal-Pjazza u ta' Triq il-Kappillan. Iżda wara diversi konsultazzjonijiet mal-Għaqdiet kollha konċernati u minħabba diversi rakkomandazzjonijiet mill-Awtoritajiet tal-Ippjanar, wasalna għad-deċiżjoni li l-maħżen ta' Said jiġi biss rinovat b'mod li jinbidlu l-bjut li jinstabu f'qagħda ħażina ħafna u l-ispazji jiġu mqassma aħjar bejn iż-żewġ għaqdiet.

Min-naħa l-oħra bdejna pjan ieħor sabiex l-Għaqda ta' Triq San Ġwann tikkollabora mal-Għaqda ta' Triq Xandriku biex jiġi rranġat il-maħżen tagħhom b'mod li jinħoloq aktar spazju ġdid għalihom it-tnejn.



Bħalissa iżda, ninsabu fil-fażi finali tal-permess tal-maħżen ta' Triq Ta' Said fejn qed jiġu indirizzati ċerti aspetti tekniċi li huma meħtieġa mil-liġijiet u r-regolamenti tal-lum. Prattikament issa qed infittxu naħżnu l-armar kollu f'postijiet temporanji sabiex fi żmien sena l-maħżen jiġi modernizzat, u jkun jista' jilqa' fih mill-ġdid l-armar wara l-festa tal-2026.

Nemmnu lkoll li dan il-proġett hu bżonjuż għax jiffaċilità l-ħidma fil-volontarjat f'raħalna u joffri spazju aktar attraenti għal dawk li jixtiequ jgħinu u jitħarrġu f'din it-tradizzjoni kulturali u artistika li tiffjorixxi fil-festa tagħna.

Iżda qed nitolbu wkoll l-għajnuna tiegħek!

Għandna bżonn:

- Kuntratturi u voluntiera għat-twaqqigħ u l-bini tal-maħżen il-ġdid
- u xi garaxx vojt fejn jista' jinġabar l-armar b'mod temporanju sa Ġunju 2026.





Proposed Front Elevation
(without colour coding)

**AVVIŻI:**

Fl-okkażjoni tal-festa ta' Sant'Anna, id-Djoċesi qed torganizza **Quddiesa fil-miftuħ għan-nanniet u l-familji** fid-Dwejra nhar is-Sibt 26 ta' Lulju fit-8.00pm. Dawk li jixtiequ trasport javżaw lil Lina Mifsud fuq 99260629 sal-24 ta' Lulju.

**Il-Ġublew taż-żgħażagħ** ser isir matul il-ġimgħa tat-28 ta' Lulju u 3 ta' Awwissu. Grupp ta' żgħażagħ mill-parroċċa tagħna ser jipparteċipaw fih ġewwa Ruma flimkien ma' Fr Mark Bonello. Dawn ser jiltaqgħu ma' eluf ta' żgħażagħ oħra minn madwar id-dinja u jagħmlu esperjenza ta' knisja żagħżugħa ma' Papa Ljun. Nitolbu għalihom ħalli jikbru fil-fidi tagħhom. Jekk hemm min jista' jgħin finanzjarjament ikellem lil Fr Mark.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am